V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-24 ta' Jannar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

**(Kawża C-529/09)** [1]

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni — Obbligu ta' rkupru — Nuqqas ta' implementazzjoni — Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà — Awtorità ta' res judicata ta' sentenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja)***

(2013/C 71/02)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u C. Urraca Caviedes, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: N. Díaz Abad, agent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 288 TFUE u tal-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/509/KE, tal-14 ta' Ottubru 1998, dwar għajnuna mogħtija minn Spanja lill-impriżi tal-grupp Magefesa u s-suċċessuri tiegħu (ĠU 1999, L 198, p. 15) — Għajnuna mogħtija lil Industrias Domésticas, S.A. (Indosa)

**Dispożittiv**

(1) *Peress li ma adottax, fit-terminu previst, il-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/509/KE, tal-14 ta' Ottubru 1998, dwar għajnuna mogħtija minn Spanja lill-impriżi tal-grupp Magefesa u lis-suċċessuri tiegħu, għal dak li jirrigwarda l-impriża Industrias Domésticas SA, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE kif ukoll taħt l-Artikoli 2 u 3 ta' din id-deċiżjoni.*

(2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 51, 27.02.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Jannar 2013 — Frucona Košice a.s. vs Il-Kummissjoni Ewropea, St. Nicolaus — trade a.s.**

**(Kawża C-73/11 P)** [1]

***("Appell — Għajnuna mill-Istat — Annullament ta' 65 % ta' dejn fiskali fil-kuntest ta' proċedura kollettiva ta' falliment — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Kriterju ta' kreditur privat — Limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju — Sostituzzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-motivi tagħha għal dawk li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Żnaturament tal-provi")***

(2013/C 71/03)

*Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanta:* Frucona Košice a.s. (rappreżentanti: P. Lasok QC, J. Holmes u B. Hartnett, barristers, O. Geiss, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Walkerová, L. Armati u B. Martenczuk, aġenti), St. Nicolaus — trade a.s. (rappreżentanti: N. Smaho, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Diċembru 2010, Frucona Košice a.s. vs Il-Kummissjoni (T-11/07), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 2087 finali, tas-7 ta' Ġunju 2006, dwar għajnuna mogħtija mis-Slovakkja favur Frucona Košice, fil-forma ta' annullament ta' dejn fiskali min-naħa tal-awtorità fiskali kompetenti fil-kuntest ta' proċedura kollettiva ta' falliment (Għajnuna mill-Istat Nru C 25/2005, ex NN/2005), sa fejn din tiddikjara l-imsemmija miżura inkompatibbli mas-suq komuni u tordna lir-Repubblika Slovakka tirkupra l-għajnuna kollha.

**Dispożittiv**

(1) *Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2010, Frucona Košice vs Il-Kummissjoni (Kawża T-11/07) hija annullata.*